REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 162/2011

tal-21 ta' Frar 2011

li jiddetermina ċ-ċentri tal-intervent għar-ross

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]) u b'mod partikolari l-Artikolu 41 tiegħu, b'rabta mal-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 1173/2009 tal-Kummissjoni ([2]), jelenka fl-Anness B tiegħu, iċ-ċentri tal-intervent għar-ross, imsemmija fl-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 670/2009 tal-Kummissjoni ([3]). L-Anness A tal-imsemmi Regolament, li jistabbilixxi ċ-ċentri tal-intervent għall-qamħ durum, tħassar permezz tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1125/2010 tat-3 ta' Diċembru 2010 li jistabbilixxi ċ-ċentri tal-intervent għaċ-ċereali u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1173/2009 ([4]).

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1272/2009 tal-11 ta' Diċembru 2009 li jistabbilixxi regoli komuni ddettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 f'dak li għandu x'jaqsam max-xiri u l-bejgħ ta' prodotti agrikoli taħt intervent pubbliku ([5]), jistipula, mis-sena ta' kummerċjalizzazzjoni [sena tas-suq] 2010/11, il-kundizzjonijiet li għandhom ikunu osservati għall-għażla u l-approvazzjoni taċ-ċentri tal-intervent għar-ross u tal-postijiet tal-ħżin tagħhom.

(3) Mill-1 ta' Settembru 2010, ir-Regolament (UE) Nru 1272/2009 jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 670/2009 f'dak li jirrigwarda r-ross.

(4) Mill-1 ta' Settembru 2010, iċ-ċentri tal-intervent għar-ross magħżula b'applikazzjoni tal-Artikolu 41 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, għandhom jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti bl-Artikoli 2 u 3 tar-Regolament (UE) Nru 1272/2009. Ir-Regolament (KE) Nru 1173/2009 għandu għalhekk ikun irrevokat.

(5) Skont l-Artikolu 55(1) tar-Regolament (KE) Nru 1272/2009, l-Istati Membri għandhom jgħarrfu lis-servizzi tal-Kummissjoni dwar, il-lista taċ-ċentri tal-intervent għar-ross għan-nominazzjoni effettiva tagħhom kif ukoll il-lista tal-postijiet tal-ħżin ta' dawn iċ-ċentri li huma jqisu li jissodisfaw il-kundizzjonijiet minimi mitluba mir-Regolament tal-Unjoni. F'każijiet fejn il-livell tal-produzzjoni tar-ross huwa baxx u meta l-estimi ma jindikawx dawk iż-żoni li fihom jiġi prodott ir-ross f'ammonti żejda u l-intervent ma ntużax għal perjodu sinifikanti, ċerti Stati Membri ma rrappurtaw ebda ċentru tal-intervent għar-ross.

(6) Sabiex ikun assigurat il-funzjonament tajjeb tal-iskema ta' intervent pubbliku, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi ċentri tal-intervent skont il-pożizzjoni ġeografika tagħhom u għandha tippubblika lista tal-postijiet tal-ħżin tagħhom bit-tagħrif kollu neċessarju għall-operaturi kkonċernati mill-intervent pubbliku.

(7) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Iċ-ċentri tal-intervent għar-ross imsemmija fl-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 1272/2009 huma elenkati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

L-indirizzi tal-postijiet tal-ħżin relatati ma' kull ċentru tal-intervent u l-informazzjoni ddettaljata dwar dawn il-postijiet u maċ-ċentri tal-intervent, huma ppubblikati fuq l-internet ([6]).

Artikolu 2

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1173/2009 għandu jiġi rrevokat.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 314, 1.12.2009, p. 48.
([3]) ĠU L 194, 25.7.2009, p. 22.
([4]) ĠU L 318, 4.12.2010, p. 10.
([5]) ĠU L 349, 29.12.2009, p. 1.

([6]) L-indirizzi tal-postijiet tal-ħżin taċ-ċentri tal-intervent huma disponibbli fuq il-websajt tal-Kummissjoni Ewropea CIRCA (http://circa.europa.eu/Public/irc/agri/cereals/library?l=/publicsdomain/cereals/intervention_agencies&vm=detailed&sb=Title)

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-21 ta' Frar 2011.

Għall-Kummissjoni
Il-President
José Manuel BARROSO

ANNESS

Ċentri ta' intervent għar-ross

IL-BULGARIJA

Пловдив

SPANJA

CADIZ
CORDOBA
SEVILLA
ZARAGOZA
ALBACETE
CIUDAD REAL
CUENCA
LÉRIDA
BADAJOZ
CACERES
NAVARRA

FRANZA

BOUCHES-DU-RHONE
GARD

IL-GREĊJA

ΘΕΣΣΑΛΟΝΙΚΗ
ΓΙΑΝΝΙΤΣΑ
ΒΟΛΟΣ
ΛΑΜΙΑ

L-UNGERIJA

Jász-Nagykun-Szolnok
Békés
Szabolcs-Szatmár-Bereg

L-ITALJA

Piemonte

IL-PORTUGALL

Silo de Évora
Silo de Cuba

IR-RUMANIJA

IANCA
BRAILA
FAUREI
BARAGANUL
PALAS
COGEALAC
MOVILA
FETESTI
TANDAREI
BUCU
ALEXANDRIA
CORABIA
CARPINIS